MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) GHAWDEX

## MAGISTRAT DR. MICALLEF TRIGONA ANTONIO LL.D., MAG., JURIS (EU LAW)

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 47/2001/1

Anton Cremona u martu Carmela maghrufa bhala Lina Cremona u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Louise u Marbeck ahwa Cremona stante l-mewt ta' Anton Cremona fil-mori tal-kawza

-vs-

Rita Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-atturi li talbu li prevja dikjarazzjoni minn din l-Onroabbli Qorti li l-konvenuta qeghdha tokkupa l-fond numru dsatax (19) Pjazza San Gorg, Victoria, Ghawdex bla ebda titolu validu fil-ligi, tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti tizgombra mill-imsemmi fond, liema fond il-konvenuta oltre l-fatt li qed tokkupah bla ebda titolu, hija qeghdha tittraskurah u qed thalli tigri fih hsara strutturali kbira, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi tal-protesti gudizzjarji tal-11 ta' Novembru 1991, 14 ta' Frar 1995, 29 ta' Mejju 1995 u tas-17 ta' Jannar 1996.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharrka.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konventua Rita Camilleri fejn eccepiet:

1. preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Qorti rationae valoris li tiehu konjizzjoni ta' dina l-istanza.

2. Fil-mertu u minghajr pregudizzju gahll-premess, l-eccipjenti qeghdha tokkupa dan il-fond b'titolu ta' kommodat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezaminat il-provi prodotti.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Jirrizulta li l-fond meritu l-kawza gie derekwizizzjonat.

Jirrizulta ukoll li l-konvenuta fl-1 ta' Marzu 2002 (fol 21) irtirat l-eccezzjoni preliminari taghha tal-inkompetenza "rationae valoris".

Jirrizulta oltre li l-konvenuta naqset li tidher u tirrispondi ghall-kapitoli prezentati mill-atturi fil-15 ta' Ottubru 2002.

Ghaldaqstant tiddeciedi li taderixxi ghat-talba ta' l-atturi billi tordna l-konvenuta li tizgombra mill-fond 19, Pjazza San Gorg, Victoria, Ghawdex.

Tipprefiggi terminu sal-ahhar ta' Dicembru 2002 ghall-fini ta' l-istess zgumbrament u konsegwenti rilaxx tal-fond liberu u battal favur l-atturi.

Bl-ispejjjez kontra l-konvenuta.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur